A.L. 47 ta' l-1984

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 81 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 14 ta' l-1982

Jissostitwixxi t-Tabella IV tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tabella IV tat-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA IV

Taxi Cars

A.	Nol Inizjali	Lm1.50,0
	Għall-ewwel kilometru u għal kull kilometru addizzjonali jew parti minnu	30c
B.	Dritt ta' stennija għal kull siegħa jew parti minnha	Lm1.00,0

Ma jista' jintalab ebda dritt jew ħlas ieħor.".